



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Frar 2015
(OR. en)

5662/15

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0304 (NLE)

RECH 7
ATO 9
CH 3
AELE 6

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkomplimenta Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u
l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera
ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ
tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplementa Orizzont 2020,
u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet
ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a), l-Artikolu 218(7) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew^{1, *}

¹ Kunsens ta' ... (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data fin-nota ta' qiegħ il-paġna ta' hawn fuq.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplementa Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija (il-"Ftehim"), ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fil-5 ta' Diċembru 2014 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/953/UE ¹.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/953/UE tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplementa l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 1).

- (2) Il-Ftehim ġie konkluż mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fl-4 ta' Diċembru 2014 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/954/Euratom¹.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/954/Euratom tal-4 ta' Diċembru 2014 li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 19).

Artikolu 1

Il-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplementa Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tal-Ftehim².

¹ Il-Ftehim ġie ppubblikat fi ... flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

* ĠU: jekk jogħġbok żid ir-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna ta' hawn fuq.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata *f'Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat għar-Riċerka tal-Isvizzera/tal-Komunitajiet fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' dak il-Kumitat meħuda skont l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
